MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2010

Numru. 493/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Victor Aquilina**
**vs**
**Russell Bugeja**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Russell Bugeja ta' 33 sena iben Vincent u Pamela nee' Kemp mwieled San Giljan fil-11 ta' Ottubru 1974 u residenti Blaenavon Triq Caravaggio Gharghur, ID 477974 (M).**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-17 ta' Ottubru 2007 u fix-xhur ta' qabel**

**(a) kkoltiva l-pjanta cannabis bi ksur ta' l-Artikolu 8 (c) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**(b) kellu fil-pusses tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta**
**(c) talli sar ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.**

**Rat li l-prosekuzzjoni rtirat it-tielet imputazzjoni ghaliex ma tirrizultax.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet u ghal daqstant dawn gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8 (c), 8 (d), 22 (1) (a), 22 (1) (b) (i) u (ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni waqt li mhix qed tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni stante li din giet rtirata mill-prosekuzzjoni. Stante li l-imputat ghamel ammissjoni bikrija u kif wkoll li llum bidel hajtu radikalment, il-Qroti qed tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' prigunerija ta' 6 xhur u ghal hlas ta' multa ta' 468 Euro, liema multa tista' tithallas b'rati ta' 40 Euro kull erba' gimghat bl-ewwel pagament isir fi zmien erba' gimghat millum. Jekk xi pagament ma jithallax il-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din tinbidel skond il-ligi jigifieri jum prigunerija ghal kull 11.65 euro li ma jithallsux.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-kap 9 il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta' l-esperti mahturin fl-inkjesta li jammontaw ghal 327.18 Euro u dan irid isir fi zmien xahrejn millum**

Tordna d-distruzzjoni tad-droga that il-harsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------